



Brussell, 18 ta' Frar 2020
(OR. en)

6092/20

FIN 93
INST 26

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5759/20

Suġġett: Linji gwida baġitarji għall-2021

– *Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Frar 2020)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2021, adottati mill-Kunsill fit-3749 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-LINJI GWIDA BAĠITARJI GĦALL-2021

1. Il-Kunsill jissottolinja li l-proċedura baġitarja għall-2021 ser tkun l-ewwel waħda fil-perijodu ta' programmazzjoni l-għdid 2021-2027. F'dan ir-rigward, il-baġit ser ikollu rwol importanti fl-iżvilupp u l-ilħuq tal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jirrispettaw u jikkonformaw mal-elementi kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-għdid meta jistabbilixxu u jimplementaw il-baġit għall-2021.
3. Il-Kunsill itenni li l-baġit għandu jiġi stabbilit skont il-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju¹, b'mod partikolari l-prinċipji ta' unità, annwalità, ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza.
4. Il-Kunsill iqis li l-baġit għall-2021 għandu jkun realistiku, f'konformità mal-ħtiġijiet attwali, jiżgura baġitjar prudenti u, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali², iħalli marġini suffiċjenti taħt il-limiti massimi tal-QFP biex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux previsti. Fl-istess ħin, il-baġit għall-2021 għandu jipprovdi biżżejjed riżorsi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni u biex jippermetti li l-impenji li diġà saru taħt il-QFP attwali jitħallsu fi żmien debitu, jekk meħtieġ u f'każijiet debitament ġustifikati, wara l-implimentazzjoni tar-riallokazzjonijiet possibbli kollha fi ħdan il-baġit, billi jintużaw il-flessibbiltajiet disponibbli, sabiex tiġi evitata kwalunkwe pretensjoni mhux imħallsa ppreżentata mill-Istati Membri.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).


² Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

5. Il-Kunsill jissottolinja li d-dixxiplina baġitarja għandha tinżamm fil-livelli kollha, u jenfasizza l-ħtieġa li n-nefqa kollha meħtieġa tiġi ffinanzjata permezz ta' prijoritizzazzjoni u mingħajr ma jiġu kompromessi l-prinċipji baġitarji.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għall-prevedibbiltà kemm għall-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni kif ukoll għall-pagamenti mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri, u jfakkar li kemm l-ibbaġitjar żejjed kif ukoll dak nieqes joħolqu sfidi mhux mixtieqa għall-baġits nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod trasparenti tipprovdi tbassiriet affidabbli u preċiżi tad-dħul kollu, inkluż l-ammont annwali li għandu jitħallas mir-Renju Unit fl-2021 skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ³, li ser jippermetti lill-Istati Membri jivvalutaw fiż-żmien dovut il-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-baġit tal-UE.
7. Il-Kunsill jissottolinja li l-għodod baġitarji korrettivi, pereżempju l-baġits emendatorji, għandhom jintużaw sal-minimu ġustifikat, u jiġu introdotti f'mument opportun sabiex jiġi evitat tfixkil fil-funzjonament tal-programmi tal-Unjoni u jiġu ffinanzjati l-aktar minn riassenjazzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta abbozzi ta' baġits emendatorji bbażati fuq id-dħul b'mod separat u mingħajr dewmien wara li l-informazzjoni rilevanti ssir disponibbli. Il-Kunsill jirriafferma l-impenn qawwi tiegħu li jieħu pożizzjoni dwar abbozzi ta' baġits emendatorji malajr kemm jista' jkun.
8. Il-Kunsill iqis li l-livell tal-persunal tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha għandu jirrifletti l-ftehim dwar il-QFP u jeħtieġ li jinżamm taħt monitoraġġ u kontroll kontinwi. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni biex jirrispettaw il-pjanijiet ta' stabbiliment tagħhom, kif ukoll il-pakketti finanzjarji u l-livell ta' ekwivalenti full-time (FTEs) għall-aġenti kuntrattwali. Il-Kummissjoni hija mħeġġa biex internament tpaċi livell adegwat ta' FTEs u approprijazzjonijiet korrispondenti meta tiddelega kompiti, li qabel kienu jitwettqu mill-persunal tagħhom stess, lil aġenziji eżekuttivi jew korpi simili meta tipproponi mandat ġdid jew adattat għalihom.

³ Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

9. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-abbozz tal-baġit għall-2021 fi żmien debitu, biex il-Kunsill ikun jista' jwettaq analiżi teknika dettaljata u jħejji l-pożizzjoni tiegħu bir-reqqa. Jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kontenut tad-dokumenti baġitarji tagħha kontinwament billi tagħmilhom aktar sempliċi, kif ukoll aktar konċiżi u trasparenti. Barra minn hekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex takkumpanja l-abbozz tal-baġit bis-sett sħiħ tad-dokumenti applikabbli elenkati fl-Artikolu 41 tar-Regolament Finanzjarju, inkluż rapporti dwar il-progress fil-kisba tal-oġettivi tal-programm.
10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet kollha biex jikkollaboraw b'mod effiċjenti u kostruttiv, sabiex jagħtu lok għal proċedura baġitarja mingħajr xkiel u għall-istabbiliment tal-baġit għall-2021 fl-iskadenzi stabbiliti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex taqdi r-rwol tagħha ta' medjatur imparzjali matul il-proċedura baġitarja kollha. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-aċċess fi żmien debitu għall-abbozzi ta' elementi għal konklużjonijiet konġunti, li jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha (b'mod partikolari dwar l-impenji u l-pagamenti) sabiex tiffaċilita l-proċess ta' konċiljazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja li n-negozjati dwar il-baġit għall-2021 għandhom jevitaw li jindirizzaw kwistjonijiet li mhumiex marbuta direttament mal-proċedura baġitarja annwali.
11. Il-Kunsill itenni l-importanza kbira li huwa jagħti lil dawn il-linji gwida u jistenna li l-Kummissjoni tiegħu kont debitu tagħhom fit-tnejn tal-abbozz tal-baġit għall-2021.
12. Dawn il-linji gwida ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Evoluzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament (2007 - 2019)



EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT (2007-2019)

(minbarra d-dħul assenjat)

Proċedura Baġitarja	AB inizjali (applikabbli fl- 2011, 2013, 2015 u 2019)	AB(P)	AB(P) (IE inklużi)	Pożizzjoni tal- Kunsill	Pożizzjoni tal- Parlament	Baġit ivvotat	Baġit finali (inkl. BE u riporti)	Implimentazzjoni	Baġit finali - implemmentazzjoni (ċifri)	Baġit finali - implimentazzjoni (%)	Implimentazzjoni /AB(P) (IE inklużi)
		1	2			3	4	5	6 (=4 - 5)	7 (=6/4)	8 (=5/2)
2007		116.370	115.531	114.613	122.016	115.497	113.835	112.377	1.458	1,28%	97,27%
2008		121.533	120.347	119.410	124.196	120.347	114.835	113.070	1.765	1,54%	93,95%
2009		116.744	116.546	114.972	124.488	116.096	113.395	112.107	1.288	1,14%	96,19%
2010		122.316	123.061	120.521	127.526	122.937	123.203	120.490	2.713	2,20%	97,91%
2011	130.136	126.527	126.527	126.527	126.527	126.527	127.219	126.497	722	0,57%	99,98%
2012		132.739	132.668	129.088	133.139	129.088	135.842	135.602	240	0,18%	102,21%
2013	137.924	137.798	137.798	132.837	132.837	132.837	144.057	143.785	272	0,19%	104,34%
2014		136.066	136.061	135.005	136.444	135.505	138.577	138.440	137	0,10%	101,75%
2015	142.137	141.337	141.337	141.214	141.214	141.214	141.769	141.586	183	0,13%	100,18%
2016		143.541	144.456	142.120	146.459	143.885	136.517	131.400	5.117	3,75%	90,96%
2017		134.899	135.422	133.790	138.029	134.490	126.877	126.610	267	0,21%	93,49%
2018		141.406	141.240	140.431	142.663	140.666	142.215	141.780	436	0,31%	100,38%
2019	148.675	148.199	148.199	148.199	148.199	148.199	149.731	149.050	681	0,45%	100,57%
Total		1.719.476	1.719.193	1.698.726	1.743.738	1.707.288	1.708.071	1.692.793	15.278	0,89%	98,46%
Informazzjoni dwar BE għall-2019, riporti u implimentazzjoni hija proviżorja											